**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF DR MARK CHETCUTI LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR EDWINA GRIMA LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR GIOVANNI GRIXTI LL.D.**

**Illum l-Erbgħa 4 ta' Ottubru 2023**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 6/2018**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Abdirashid Adan Guled**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-Att ta'l-Akkuża bin-numru 6 tas-sena 2018 miġjuba fil-konfront ta' Abdirashid Adan GULED, detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 112562(A) fejn kien akkużat:

1. **Fl-ewwel kap**, talli f'dawn il-Gżejjer, nhar it-30 t'Ottubru 2016 u fil-jiem ta' qabel importa jew daħħal f'Malta il-pjanta "Khat" u dan bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet

li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u dan meta ma kellux liċenza jew awtoriżżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza u li tawtoriżża l-importazzjoni ta' din is-sustanza perikoluża.

2. **Fit-tieni kap**, kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta "Khat" fl-intier tagħha jew parti minnha u dan bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u dan meta ma kellux liċenza jew awtoriżżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza u li tawtoriżża l-importazzjoni ta' din is-sustanza perikoluża liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tiegħu.

**2.** Rat l-ammissjoni reġistrata mill-akkużat għall-akkużi lilu addebitati fl-Att ta'l-Akkuża, u dan qabel il-formazzjoni ta-ġuri fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2022.

**3.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-26 ta' Settembru 2022 li permezz tagħha wara li rat l-artikoli 40A, 40B(1)(b)(ċ)(2)(a), 120A, 120E u 121A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regola 4(a) tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (Avviż Legali 292/1939) u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ, u 533 tal-Kodiċi Kriminali sabet lil Abdirashid Adan GULED, ħati fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu skont kif speċifikat fl-att tal-akkuża, u kkundannatu għall-piena ta' sentejn priġunerija flimkien ma multa ta' sebat elef euro (€7,000). A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali kkundannatu wkoll sabiex iħallas l-ispejjeż kollha tal-perizji inkorsi f'dan il-każ fl-ammont ta' ħamest elef, mitejn sebgħa u sebgħin euro tmienja u tmenin ċenteżmu (€5277.88). Wara li semgħet it-talba tal-akkużat seduta stante u qieset it-tweġiba tal-Avukat Ġenerali u wara li rat l-artikoli 14, 28 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, ordnat li: (a)il-multa imposta titħallas permezz ta' pagamenti mensili, suċċessivi u ininterrotti ta' mija ħamsa u disgħin euro (€195); filwaqt li (b)l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu permezz ta' pagamenti mensili, suċċessivi u ininterrotti ta' mija u ħamsin euro (€150) bl-ewwel rata tkun dovuta fi żmien xahar minn meta l-ħati jkun skonta s-sentenza karċerarja mogħtija lilu u liema ħlas għandu jibqa' jsir ininterrottament sakemm jitħallas il-bilanċ kollu dovut minnu fiż-żmien

konċess. Jekk ma jsirx ħlas ta' xi waħda mir-rati imsemmija iżjed il-fuq, jew xi biċċa minnha, il-ħati jitqies li jkun tilef il-benefiċċju taż-żmien konċess lilu u l-ammont bilanċjali sħiħ li jkun fadal ikun irid jitħallas minnufih; u dan oltre dak kollu li jipprovdi l-Kodiċi Kriminali fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas tal-istess multa u/jew tal-ispejjeż peritali, inkluż il-konverżjoni tal-istess f'termini ta' priġunerija skont il-Liġi, skont il-każ. Ordnat wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat nonche l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-ħati. Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b'nota, li għandha tiġi preżentata fi żmien xahar mid-data tas-sentenza li d-droga eżebita hija meħtiega b'konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali oħra kontra terzi persuni, id-droga kollha eżebita u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha għandhom jiġu meqruda a kura tar-Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali u dan taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur tal-Qorti Kriminali li għandha tagħmel verbal u reġistrazzjoni video ta' tali distruzzjoni u li għandhom jinġiebu a konjizzjoni tal-Qorti b'nota appożita u b'kopja li għandha tigi innotifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati.

**4.** Rat ir-rikors ta'l-appell mressaq mill-akkużat Abdirashid Adan Guled ppreżentat fit-13 ta' Ottubru 2022 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha dwar ir-reita' u dak li kien miftiehem mal-Avukat Ġenerali u tibdilha dwar l-ispejjeż peritali skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali li ċertament ma kenux inklużi fl-ammont u fil-kwalita' tagħhom fl-Att ta'l-Akkuża u għalhekk ma kien hemm l-ebda patteġġament fuq l-istess.

**5.** Rat ir-risposta ta'l-Avukat Ġenerali tal-20 ta' Ottubru 2022 fejn issottometta li l-aggravju miġjub 'il quddiem mill-appellant Abdirashid Adan Guled għandu jkun miċħud bil-piena għalhekk kif deċiża mill-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata tkun ikkonfermata.

**6.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni u dan sabiex jiġi mistħarreġ l-aggravju imqanqal mill-appellant.

**7.** Semgħet trattazzjoni

**Ikkunsidrat:**

**8**. Illi l-appellant Abdirashid Adan Guled ħassu aggravat bis-sentenza ta'l-Qorti Kriminali unikament fejn huwa ġie kkundannat fit-termini ta'l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali għal ħlas ta'l-ispejjeż peritali, b'mod ewlieni dawk marbuta ma' drittijiet tar-Reġistratur tal-Qorti, fl-ammont ta' €5277.88. Jibbaża din il-lanjanza minnu ventilata fuq il-premessa illi meta seħħ il-patteġġament bejn id-Difiża u il-Prosekuzzjoni dwar il-piena li kellha tkun erogata mill-Qorti f'każ tal-ammissjoni tiegħu għall-akkużi lilu addebitati, u dan fit-termini ta'l-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-kundanna għall-ispejjeż peritali ma kenitx inkluża u għalhekk meta rreġistra l-ammissjoni tiegħu huwa kien injar mill-fatt illi l-piena erogata fil-konfront tiegħu kienet ser tinkludi il-ħlas ta' dawn l-ispejjeż. Jikkontesta l-ħlas tad-drittijiet dovuti lir-Reġistratur tal-Qorti li huwa kien ikkundannat iħallas f'ammont li jeċċedi l-€2000, għal kompendju ta'l-assi tiegħu, li *del resto* kienu kważi ineżistenti, u li fl-aħħar mill-aħħar sar minn impjegat fil-qorti. Jisħaq illi l-operat tar-Reġistratur tal-Qorti meta jiġi biex iħejji il-kompendju tal-assi tal-persuna akkużata ma jaqax taħt il-parametri tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali liema disposizzjoni tal-liġi titkellem fuq il-ħlas li jsir lill-esperti tal-Qorti, li l-għan wara il-ħatra tagħhom tkun sabiex tiġi stabbilita l-ħtija o meno tal-persuna akkużata.

**9**. Illi l-Avukat Ġenerali minn naħa tiegħu jilqa' għal dan l-aggravju meta jisħaq illi l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha tassativa fuq il-Qorti li tordna il-kundanna għall-ħlas tal-ispejjeż peritali u kwindi ma hijiex fid-diskrezzjoni tagħha tiddeċiedi xort'oħra, u dan immaterjalment mill-ftehim ippatteġġat bejn id-difiża u l-prosekuzzjoni. Illi l-esperti PS959 Daniel Formosa, WPC363 Caroline Meilak, u x-xjenzat

Godwin Sammut kienu maħtura fl-inkjesta dwar l-*in genere*, filwaqt li PS659 Jeffrey Hughes, Joseph Mallia, uffiċjal rappreżentant tal-*Asset Recovery Bureau* u Dr. Stpehen Farrugia Sacco kienu esperti maħtura waqt l-Istruttorja. Illi fir-rigward tal-kompendju tal-assi, l-Avukat Ġenerali jikkontendi illi dan isir sabiex ikun determinat il-*quantum* tal-assi tal-persuna akkużata u dan għaliex fl-eventwali sejbien ta' ħtija għandu jkun hemm il-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli jew immobblli li jkollu l-ħati.

**10**. Illi l-appellant preliminarjament jilmenta illi l-piena erogata mill-Qorti Kriminali ma kenitx in linja mal-patteġġjament milħuq mill-Prosekuzzjoni u d-Difiża fid-dawl tal-ammissjoni reġistrata minnu. Dan għaliex meta intlaħaq il-ftehim dwar il-piena fit-termini ta'l-artikolu 453A tal-Kodiċi Kriminali, ma kenux inklużi f'dan il-ftehim il-kundanna għal ħlas tal-ispejjeż peritali. Kwindi, fil-fehma tiegħu, il-Qorti Kriminali errat meta għaddiet għal din il-kundanna li ma kenitx in linja mal-ftehim ippatteġġjat.

**11.** Illi l-artikolu 453A(2) tal-Kodiċi Kriminali jistabbilixxi illi wara li jkun ippreżentat il-ftehim bejn il-Prosekuzzjoni u id-Difiza:

> **Jekk il-qorti tkun sodisfatta li s-sanzjoni jew il-miżura, jew il-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri, mitluba kif provdut fis-subartikolu (1) ikunu tali li kien ikun leġittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' ħtija għar-reat li dwaru l-imputat ikun ammetta l-ħtija u ma jkollhiex għaliex tordna li jitkompla li jsir il-ġuri tal-każ għal xi raġuni msemmija fl-artikolu 453(2) jew għal xi raġuni oħra li tiċħad it-talba, u wara li tispjega lill-imputat bi kliem ċar x'ikunu l-konsegwenzi tat-talba tiegħu, il-qorti għandha, meta ssir l-ammissjoni ta' ħtija tal-imputat, tgħaddi biex tagħti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet fejn tiddikjara fid-deċiżjoni tagħha li s-sentenza li tkun qegħda tingħata tkun qegħda hekk tiġi mogħtija fuq talba tal-partijiet.**

**12**. Issa minn qari tar-rikors konġunt ta'l-Avukat Ġenerali u tal-akkużat tat-22 ta' Settembru 2022 jirriżulta illi kien milħuq ftehim bejn il-partijiet, u dan fl-eventwalita li l-akkużat jirreġistra ammissjoni għall-akkużi lilu addebitati fl-Att ta'l-Akkuża, illi l-piena li għandha tiġi inflitta mill-Qorti Kriminali tkun "*waħda komplessiva ta' priġunerija*

*effettiva għall-perijodu ta' sentejn (2) u multa ta' sebat elef ewro (€7000), u dan* **oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra tassattiva għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitolu 9 u 31 tal-Liġijiet ta' Malta**[1], *inkluż il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u proprjeta mobbli u immobbli appartenenti lill-istess akkużat.*[2]" L-appellant fil-fatt jirreġistra l-ammissjoni tiegħu fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2022 u dan wara li l-Qorti Kriminali segwiet id-dettami tal-artikolu 450 u 453 tal-Kodiċi Kriminali meta wissietu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u tatu żmien xieraq sabiex fil-presenza tal-avukat difensur tiegħu, u tal-interpretu minnha maħtur, jiddikjara jekk huwa jixtieqx jerġa' lura minn dik it-tweġiba ta' ħtija. Il-Qorti Kriminali fil-fatt ikkonċediet lill-appellant l-opportunita' biex għal darb'oħra jikkonsulta privatament ma'l-avukat tiegħu u dan fil-presenza tal-interpretu, u meta reġgħet staqsietu x'jixtieq iwieġeb għall-akkużi, huwa reġa' tenna id-dikjarazzjoni tiegħu ta' ħtija.

**13.** Jikkonsegwi għalhekk illi l-piena patteġġjata mill-appellant mal-Prosekuzzjoni ma kenitx biss dik tal-piena tal-priġuneirja u il-multa, iżda kienet tinkludi ukoll '**kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra tassattiva għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitolu 9 u 31 tal-Liġijiet ta' Malta',** sabiex b'hekk huwa kellu jkun jaf ben tajjeb x'konsegwenzi kien hemm għall-ammissjoni tiegħu u t-termini tal-patteġġjament milħuq mal-Avukat Ġenerali, tant illi tul dan il-proċess kien dejjem assistit mid-difensur tiegħu u minn interpretu. Dan ifisser illi hekk kif huwa irreġistra l-ammissjoni tiegħu u kkonferma l-istess għal iktar minn darba, anke wara it-twissija mill-Qorti, l-appellant assuma ir-responsabbilta' għal dik l-ammissjoni u kwindi issottometta ruħu għal dik il-piena hekk ippatteġġata illi kienet tikkomprendi il-kundanna għal ħlas tal-ipsejjeż peritali u dan skont kif hemm dipost fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali. Minn qari ta' dak li jiddisponi l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti meta tasal għal kundanna tal-persuna misjuba ħatja ta' reat għandha b'mod tassattiv tipproċedi għal kundanna ta' dawk l-ispejjeż inkorsi tul il-proċess ġudizzjarju marbuta mal-ħatra ta' esperti jew periti.

---

[1] Sottolinjar tal-Qorti
[2] Ara rikors konġunt a fol.45 tal-proċess

> **"Meta l-kawża ssir mill-Avukat Ġenerali jew mill-Pulizija *ex officio*, il-qorti għandha meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew il-ħatjin, ilkoll flimkien *in solidum* jew kull wieħed għalih, għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni."**

**14.** Illi allura llum il-ġurnata wara l-emendi introdotti għal din id-dispożizzjoni tal-liġi permezz ta'l-Att XII tal-2005, l-kundanna għal ħlas ta' dawn l-ispejjeż ma għadhiex tiddependi minn talba magħmula għaldaqstant mill-prosekuzzjoni, b'dan għalhekk illi l-Qorti dejjem għandha tipproċedi għal tali kundanna, b'dan illi l-leġislatur ħalla marġini ta' diskrezzjoni f'idejn il-Qorti illi tiddeċiedi jekk l-ispejjeż inkorsi għandhomx jitħallsu fl-intier tagħhom jew inkella f'parti minnhom biss. Dan ifisser allura illi l-Qorti Kriminali imxiet skrupolożament mal-fteħin ippatteġġjat bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża, b'dan għalhekk illi din il-piena, oltre għal kundanna tal-priġunerija u l-multa, kienet tinkludi kull sanzjoni li l-Qorti b'mod tassattiv għandha teroga fil-konfront tal-persuna misjuba ħatja li allura tinkludi l-kundanna għal ħlas tal-ispejjez peritali, kif ingħad.

**15**. Illi l-appellant jilmenta imbagħad, b'mod sussidjarju, illi kien hemm ammont sostanzjali ta'l-ispejjeż li ma kienx jirrappreżenta ħlas ta' drittijiet dovuti lil xi espert jew perit kif maħsub fl-artikolu 533 hawn fuq iċċitat. Jidher minn qari tal-lanjanza ventilata mill-appellant illi huwa qiegħed jibbaża l-kontestazzjoni tiegħu b'mod ewlieni fuq il-kundanna għal ħlas fl-ammont ta' €2164.47 li kienu jirrappreżentaw drittijiet ntaxxati favur ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u dan in konnessjoni mal-kompendju tal-assi li kien imħejji mill-Assistent Reġistratur Dr. John Seychell Navarro, fuq ordni tal-Qorti,[3] in segwitu għall-Ordni ta'l-Iffiżar maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Qorti Istruttorja. Fil-fehma tal-appellant dan il-kompendju sar minn impjegat tal-Qorti u kwindi ma jistax jitqies bħala espert jew perit fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi

[3] Ara digriet a fol.2 tal-atti kumpilatorji

Kriminali sabiex b'hekk id-drittijiet spettanti lilu huma esklużi minn din id-disposizzjoni tal-liġi.

**16**. Illi l-artikolu 22AB tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta reż applikabbli għal proċeduri magħmula taħt il-Kapitolu 31 kien introdott permezz ta'l-Att IV tal-2014 u jiddisponi illi:

> **22AB. (1) Meta l-qorti tagħmel xi ordni kif imsemmi fl-artikolu 22A, għandha tordna lir-Reġistratur biex jagħmel inkjesti sabiex jintraċċa u jaċċerta fejn jistgħu jkunu xi flus jew proprjetajiet oħra, dovuti lil jew li jappartjenu għal jew taħt il-kontroll tal-imputat jew l-akkużat, skont kif ikun il-każ.**
> **(2) Kull min huwa meħtieġ mir-Reġistratur li jipprovdi informazzjoni għall-finijiet tas-subartikolu (1) għandu jikkonforma mat-talba fi żmien tletin ġurnata mid-data li fiha tkun saret tali talba.**
> **(3) It-talba li tkun saret mir-Reġistratur u kull risposta li tkun saret warafir-rigward ta' dan l-artikolu għandha ssir permezz tal-posta elettronika."**

**17**. Sa dan iż-żmien kien ikun maħtur mill-Qorti espert/avukat sabiex iħejji 'l hekk imsejjaħ kompendju tal-assi li kien jkun intaxxat konsiderevolment. Illi bl-introduzzjoni ta' din id-disposizzjoni tal-liġi fis-sena 2014, imbagħad, dan ix-xogħol kellu jibda jsir mir-Reġistratur tal-Qorti. Din il-bidla wasslet għalhekk sabiex il-Qorti ma baqgħetx tinnomina espert/perit ġudizzjarju sabiex jassistieha fit-tħejjija ta' dan il-kompendju li finalment kellu iservi biex jiġu identifikati dawk l-assi appartenenti lill-persuna akkużata bil-għan illi, fl-eventwali sejbien ta' ħtija, tkun tista' ssir il-konfiska ta' dak ir-rikavat ġej mill-kriminalita'.

**18**. Illi llum bl-introduzzjoni ta'l-Avviż Legali 180 tal-2021 li fih hemm imħaddna ir-Regolamenti tal-2021 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Ordnijiet ta' Iffriżar u ta' Ordnijiet ta' Konfiska, l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi kien nominat bħala l-awtorità kompetenti li joħroġ u jeżegwixxi skont ir-Regolament tal-UE 2018/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 ordnijiet ta' ffriżar u konfiska, l-identifikazzjoni, it-traċċar, l-iffriżar, il-konfiska u l-irkupru tal-assi, bil-Kapitolu 621 tal-

Liġijiet ta' Malta tistabbilixxi t-twaqqif tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi bħala korp indipendenti mill-Gvern, li għandu il-funżjoni li jieħu ħsieb l-identifikazzjoni, traċċar, iffriżar u konfiska tad-dħul mill-kriminalità.

**19**. Dan ifisser illi hekk kif ikun hemm suspett li jista' jkun hemm rikavat ġej mill-kriminalita,' li l-Qorti tista tmexxi għal konfiska ta'l-istess f'eventwali kundanna, huwa dan l-Uffiċċju li għandu joffri l-assistenza kollha lill-Pulizija Eżekuttiva, li jkun qed jinvestiga il-każ, lill-Avukat Ġenerali u finalment lil Qorti biex fl-ewwel lok issir l-identifikazzjoni ta' dan ir-rikavat permezz ta' tfittix fl-assi tas-suspettat jew akkużat, imbagħad tgħaddi għal preservazzjoni u valutazzjoni ta'l-istess u finalment jekk ikun hemm il-konfiska, jieħu f'idejh dik il-proprjeta soġġetta għal tali konfiska sabiex jiddisponi minnha biex finalment ir-rikavat igħaddi f'idejn il-Gvern. Illi llum l-persuna akkużata ma teħel ebda spejjeż in konnessjoni ma' dan ix-xogħol fdat f'idejn dan l-Uffiċċju. Illi fil-fatt l-artikolu 22AB tal-Kapitolu 101 ġie emendat permezz ta'l-Att XXXI tal-2019 fejn id-diċitura adoperata baqgħet l-istess bil-persuna tar-Reġistratur tal-Qorti, iżda tkun sostitwita bl-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi.

**20**. Illi allura bl-istess qies, l-appellant lanqas ma għandu jeħel dawk l-ispejjeż inkorsi mir-Reġistratur tal-Qorti għaliex dak iż-żmien il-manzjoni li illum hija fdata lill-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi, kienet fdata f'idejn ir-Reġistratur tal-Qorti li qatt ma jista' jitqies bħala xi espert jew perit fit-termini ta'l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali. Illi imbagħad minn daqqa t'għajn lejn il-kont maħruġ mir-Reġistratur jirriżulta illi dan ilaħħaq is-somma sabiħa ta' €2164.47 li fih hemm inkluż id-dritt dovut lir-Reġistratur tal-Qorti fl-ammont ta' €582.34, dritt li fil-fehma tal-Qorti ma huwiex dovut stante illi kienet waħda mill-manzjonijiet fdata f'idejn ir-Reġistratur bħala parti mill-kariga tiegħu fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja, li fuq Ordni tal-Qorti jirrintraċċa u jidentifika dawk l-assi apparteneti lill-akkużat u li jistgħu jkunu soġġetti għal konfiska fl-eventwali sejbien ta' ħtija. F'dan ix-xenarju għalhekk l-appellant għandu raġun meta jikkontendi illi r-Reġistratur tal-Qorti ma huwiex espert jew perit maħtur mill-qorti billi hija il-funzjoni

tiegħu, kif ingħad, li jieħu ħsieb jidentifika dawk l-assi li jista' jkunu derivanti mill-kriminalita', billi jħejji kompendju tal-assi tal-persuna akkużata.

**21**. Illi l-istess ma jistax jingħad fir-rigward tal-esperti l-oħra, li huma esperti tax-xena tar-reat, espert tal-marki tas-swaba, espert tal-informatika u espert xjenzat, bil-maġġior parti tagħhom jkunu maħtura fil-kors tal-inkjesta maġisterjali dwar l-*in genere* meta allura l-awtur tar-reat kien għadu injot. F'dan l-istadju tal-proċess investigattiv kien jinħtieġ illi dawn l-esperti jassistu lil Inkwirenti u lil pulizija fil-kors tal-istħarriġ minnhom kondott. Kif kienu meħtiega wkoll il-ħatra ta' dawk l-esperti waqt l-Istruttorja u dan biex il-provi jkunu kkumpilati b'mod sħiħ u ħolistiku u dan bil-għan li jkun stabbilit ix-xorta u ċ-ċirkostanzi kollha tad-delitt u għat-tftittix tal-verita', u dan fi stadju meta l-appellant kien għadu ma rreġistax l-ammissjoni tiegħu għall-akkużi lilu addebitati.

**23. Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell parzjalment, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellant kien misjub ħati tal-akkużi lilu addebitati fl-Att tal-Akkuża, u fejn kien ikundannat għal piena ta' sentejn priġunerija u għal ħlas ta' multa ta' €7000, iżda tvarja dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż lir-Reġistratur tal-Qorti marbuta mal-ħatra ta'l-esperti fl-ammont ta' €5277.88, u minflok tikkundanna lil hati iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti l-ammont ta' tlett elef, mija u tlettax-il ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€3113.41). Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor.Imħallef Giovanni Grixti**